**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' Frar 2023**

Rikors Numru: 313/22 AL

A B C

vs

D E F C

u b'digriet tal-1 ta' Frar 2023

il-kunjom gie korrett ghal "F"

(M.R. Numru 3258/2012)

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi il-partijiet izzewgu nhar is-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

2. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jgħaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta' Digriet moghti mill- Qorti

Civili (Sezzjoni Familja) datat it-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018);

3. Illi għalhekk il-partijiet ilhom aktar minn sena (1) de jure separati;

4. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mis-sena elfejn u tmintax (2018) ma jgħixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr Carmel Gafa, datat l-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Dok C anness), l-partijiet irrinunzjaw definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin u għalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru 2022;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla u fuq domanda tal-qorti twiegeb li m'ghandha l-ebda oggezzjoni fir-rigward tar-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Settembru 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.